



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10172/24
PV CONS 25
TRANS 243
TELECOM 189
ENER 245

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, **Telekomunikazzjoni** u Enerġija)
21 ta' Mejju 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 9850/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) Lista mhux leġislattiva

9874/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

(b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

9876/24

Telekomunikazzjoni

1. Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni



9645/1/24 REV 1
+ ADD 1 REV 2
PE-CONS 24/24
TELECOM

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 16 u l-Artikolu 114 TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Enerġija

2. Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni



9643/24
PE-CONS 1/24
ENER

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 194(2) TFUE).

3. Direttiva li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15 ta' Mejju 2024



9644/24

+ COR 1 (cs)

+ ADD 1

PE-CONS 2/24

ENER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bl-Ungerija tivvota kontra, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 194(2) TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

4. Regolament dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni)

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15 ta' Mejju 2024



9641/24

PE-CONS 105/23

ENER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bl-Ungerija tivvota kontra, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 194(2) TFUE).

5. Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni)

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15 ta' Mejju 2024



9642/24

PE-CONS 104/23

ENER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bl-Ungerija tivvota kontra, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 194(2) TFUE).

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Minn ġabra ta' regoli għall-prattika: approċċ kollaborattiv għal implimentazzjoni koerenti**  9487/24
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar approċċ kollaborattiv għal implimentazzjoni koerenti.

4. **Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE**  9484/24
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

5. **Konklużjonijiet dwar il-Futur taċ-Ċibersigurtà: nimplimentaw u niproteġu flimkien**  9252/24
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

6. (a) **Inizjattivi internazzjonali fil-qasam diġitali: sitwazzjoni attwali**  9920/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- (b) **Konvenzjoni qafas dwar l-intelliġenza artifiċjali, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt**  9794/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- (c) **Rapport mill-Presidenza: elementi ewlenin tal-konferenza ta' livell għoli dwar il-ħtieġa għal direttiva ġdida dwar is-servizzi postali**  9762/1/24 REV 1
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- (d) **Ħarsa ġenerali lejn l-avvenimenti tal-Presidenza fil-Belġju**  9796/1/24 REV 1
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- (e) **L-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji fit-trasformazzjoni diġitali permezz ta' użu simplifikat u ambizzjuż tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka, dik Daniża u dik Pollakka

 9811/2/24 REV 2

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni provduta mid-delegazzjoni Daniża, dik Pollakka u dik Ċeka.

- (f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss.
Informazzjoni mill-Ungerija

-
-  L-ewwel qari
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 9876/24

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"Franza tilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni ta' dan it-test innovattiv, li ser jiżgura li ċ-ċittadini Ewropej kollha jkollhom aċċess sikur għall-innovazzjonijiet magħmula possibbli bl-intelliġenza artifiċjali u li jiffirma l-ewwel element kostituttiv tar-regolamentazzjoni tal-IA fuq skala globali.

Hekk kif issa deklin fil-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, Franza tixtieq li din issir fqafas li jinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-innovazzjoni fl-Ewropa, sabiex dan ir-Regolament ikun tabilħaqq parti minn strateġija Ewropea determinata li tappoġġa t-tisħiħ ta' ekosistema ta' innovazzjoni Ewropea fl-IA.

Għalhekk, Franza ttenni l-appoġġ tagħha għad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea magħmula fil-laqgħa tal-COREPER fit-2 ta' Frar 2024, li pprevediet b'mod partikolari:

- l-istabbiliment ta' gruppi ta' esperti u konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni konġunta tar-Regolament ma' regolamenti settorjali applikabbli oħra, sabiex jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv bla bżonn jew ridondanza għan-negozji tagħna;
- l-adozzjoni ta' mudell għal "sommarju dettaljat biżżejjed" tad-data użata biex tħarreġ mudelli tal-IA għal skopijiet ġenerali u tal-linji gwida għall-użu tagħha, biex jiżgura bilanċ bejn il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità kummerċjali u l-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet mid-detenturi ta' drittijiet tal-awtur;
- implimentazzjoni tar-Regolament li tkun flessibbli u li tibqa' valida fil-futur, sabiex dan il-korpus legali jiġi emendat u aġġornat kif meħtieġ biex jieħu kont tal-progress teknoloġiku, b'mod partikolari għall-parametri tal-klassifikazzjoni applikabbli għal mudelli tal-IA għal skopijiet ġenerali."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Sa mill-bidu tan-negozjati, l-Awstrija ħadmet favur regolamentazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali b'mod li jiffoka fuq l-użu sikur u fuq il-benefiċċju tagħha għall-bnedmin. Att legali ta' dan it-tip għandu jkun konformi mad-drittijiet fundamentali u mad-drittijiet tal-bniedem u jgħin biex jipromwovi l-fiduċja fl-intelliġenza artifiċjali fost daww ikkonċernati.

Ninnotaw li l-kompromess dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali ma neħħiex għalkollox ċertu tħassib tal-Awstrija fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-konsumatur. Dan it-tħassib huwa mfiesser hawn taħt:

- Għandna dubju dwar is-sustanza tad-deċiżjoni li jiġu rregolati l-ammissibbiltà u l-limiti tal-prattiki tal-infurzar tal-liġi fi strument ta' regolamentazzjoni tas-suq bħalma huwa l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. Il-ħtieġa li tintuża l-intelliġenza artifiċjali u r-riskji assoċjati ma' dan l-użu jvarjaw sostanzjalment skont jekk l-użu jsirx f'kuntatt privat/kummerċjali jew jekk ikunx fil-kuntatt tal-infurzar tal-liġi.

- L-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(1)(h) dwar l-użu ta' applikazzjonijiet ta' identifikazzjoni bijometrika remota "fil-ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi huma estensivi żżejjed u mhumiex konformi mal-idea tal-Awstrija tal-interferenza proporzjonata mad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini. Nirrikonoxxu l-inklużjoni fit-test ta' klawżoli importanti ta' salvagwardja matul in-negozjati. Madankollu, dawn mhumiex biżżejjed biex ixejnu t-tħassib dwar l-interferenza mad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali taċ-ċittadini.
- L-użu ta' applikazzjonijiet ta' identifikazzjoni bijometrika "post"-remota għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi wkoll jirrappreżenta interferenza intensa mad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u għalhekk kien imissu jkun inkluż fil-lista ta' Prattiki (strettament) ipprojbti stipulati fl-Artikolu 5. Il-klassifikazzjoni tagħhom bħala applikazzjonijiet ta' riskju għoli tal-IA ma tikkorrispondix mar-riskju potenzjali assoċjat mal-użu ta' applikazzjonijiet bħal dawn.
- Bl-istess mod, l-użu ta' applikazzjonijiet ta' rikonossiment tal-emozzjonijiet u kategorizzazzjoni bijometrika messhom ġew inklużi fil-lista ta' Prattiki (strettament) ipprojbti stipulati fl-Artikolu 5 peress li jikkostitwixxu interfeżenza intensa mad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini. Il-klassifikazzjoni tagħhom bħala sistemi ta' riskju għoli tal-IA ma tikkorrispondix mar-riskju potenzjali assoċjat mal-użu ta' applikazzjonijiet bħal dawn.
- L-eżenzjoni tal-partiċipanti f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja mill-impożizzjoni ta' multi, kif prevista fl-Artikolu 57(12), mhix konsistenti mal-Artikolu 83 GDPR, li ma jipprevedix eżenzjoni bħal din fil-każ ta' ksur tal-protezzjoni tad-data. Sal-punt li dan jikkostitwixxi ordni ta' infurzar lill-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data, huwa kuntrarju għall-Artikolu 52 GDPR peress li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jaġixxu b'indipendenza sħiħa fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 52(1) GDPR u għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu dwar l-impożizzjoni ta' multi b'mod għalkollox indipendenti.
- L-Artikolu 59(1) jipprevedi awtorizzazzjoni ġenerali, indiskriminata u orizzontali għall-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data, din id-dispożizzjoni hija vaga żżejjed u għalhekk ma tistax tikkostitwixxi bażi legali għall-ipproċessar tad-data. L-użu mill-ġdid tad-data personali miġbura għal skop speċifiku għal finijiet li m'għandhom ebda rabta sostantiva jew formali mal-iskop inizjali ma huwa b'ebda mod prevedibbli għas-suġġett tad-data. Sal-punt li d-dispożizzjoni hi maħsuba li tkun forma ta' użu mill-ġdid li huwa "kompatibbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) GDPR, għandu jkun innotat li l-Artikolu 59(1) ma jikkostitwixxix miżura meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika biex tissalvagwardja l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 23(1) skont l-Artikolu 6(4) GDPR. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni ma tidistingwix bejn kategoriji speċjali ta' data personali skont l-Artikolu 9(1) GDPR u data personali oħra. Fil-fehma tal-Awstrija, l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali mhix permissibbli abbażi tal-Artikolu 6(4) GDPR u tmur kontra l-valutazzjoni tar-riskju sottostanti għall-GDPR.
- Barra minn hekk, l-Artikolu 59(1) jinjora għalkollox il-minimizzazzjoni tad-data li hija prinċipju tal-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1)(c) GDPR, peress li la l-ambitu u lanqas il-kategoriji tad-data personali potenzjalment ipproċessata f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ma huma limitati b'xi mod.
- L-awtorizzazzjoni biex l-Anness III jiġi emendat għadha ristretta wisq mill-perspettiva tal-politika dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. F'każ li l-Kummissjoni Ewropea tiddetermina li applikazzjonijiet bħal prodotti konnessi jew assistenti virtwali għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sistemi ta' riskju għoli f'konformità mal-Anness III, dawn ma jaqgħux taħt il-punti 1 sa 8 tal-Anness III u b'hekk ma jkunux jistgħu jitqiesu."

Dwar il-punt "A"
nru 3:

Direttiva li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Ir-riforma tas-suq tal-elettriku tinkludi għadd ta' elementi pożittivi li jstimulaw teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li huma kruċjali għat-tranżizzjoni tal-enerġija, u tagħraf ir-rwol tal-enerġija nukleari bħala sors ta' enerġija nadifa għad-dekorbanizzazzjoni sikura u sostenibbli tal-ekonomija. L-Ungerija, madankollu, ma tappoġġax l-adozzjoni tad-Direttiva, peress li nemmnu li l-Artikolu 66a dwar il-kriżi tal-prezz tal-elettriku ma jagħtix biżżejjed flessibbiltà lill-Ungerija biex tiżgura prezzijiet li jintlaħqu u biex tapplika regolament tal-prezzijiet aktar baxxi mill-kost biex tipproteġi lill-konsumaturi domestiċi fil-każ ta' kriżi tal-enerġija. Nemmnu li l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jiddeċiedu għalihom meta sseħħ sitwazzjoni ta' kriżi u li jiffissaw prezzijiet tal-elettriku aktar baxxi mill-kost, biex il-konsumaturi domestiċi ma jkollhomx iħallsu prezzijiet eċċessivi għall-enerġija."
